A.L. 24 ta' l-1996

ATT DWAR IL-KORPORAZZJONI TELEMALTA (KAP. 250)

Regolamenti ta' l-1996 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Servizz tat-Telefon

BIS-SAHHA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 37 ta' l-Att dwar il-Korporazzjoni Telemalta, il-Bord, bl-approvazzjoni tal-Ministru għat-Trasport, Komunikazzjoni u Teknoloġija u bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-sehh.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1996 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Servizz tat-Telefon, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1972 dwar is-Servizz tat-Telefon, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 47 ta' l-1972.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu kif ġej:—

(a) ir-regolamenti 3, 5, 6, 11 u 15 fis-6 ta' Lulju, 1995;

(b) ir-regolament 14 fl-1 ta' Ottubru, 1995;

(ċ) ir-regolamenti 4, 7, 9, 12 u 17 fl-1 ta' Frar, 1996; u

(d) ir-regolamenti 8, 10, 13 u 16 fid-data tal-pubblikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti.

Taxxa fuq il-Valur Miżjud.

2. Għall-għanijiet ta' l-Att ta' l-1994 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, id-drittijiet speċifikati f'dawn ir-regolamenti ma għandhomx jitqiesu bħala li jinkludu fihom it-taxxa fuq il-valur miżjud li għandha titħallas skond dak l-Att. It-taxxa fuq il-valur miżjud għandha tingħabar b'żieda fuq dawk id-drittijiet, skond kif ikun japplika.

Att Nru. XII ta' l-1994.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara t-tifsira ta' "faċilità ta' Trasferiment Awtomatiku ta' Telefonata" għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "*fax*/telefon bil-*credit card*" tfisser tagħmir telefoniku installat fuq linja ta' l-*exchange* jew estensjoni li jkun jeħtieġ li min juża dak it-tagħmir idaħħal fis-slot apposta *credit card* aċċettabbli għall-għanijiet ta' ħlas li jkollu jsir;"; u

(b) it-tifsira ta' "kaxxa tal-flus li tintuża ġewwa fond" għandha titħassar.

Jissostitwixxi r-regolament 21 tar-regolamenti prinċipali.

4. Minflok ir-regolament 21 tar-regolamenti prinċipali għandu jiddaħħal dan li ġej:—

"Perijodu tal-ftehim.

21. Ftehim għall-provvista ta' servizz tat-telefon għandu jkun relattiv għal perijodu minimu inizjali ta' sitt xhur u għandu jibqa' jseħħ wara dak iż-żmien sakemm jiġi mitmum minn parti minnhom wara li tkun tat avviż bil-miktub bil-posta reġistrata lill-parti l-oħra ta' għall-anqas ħmistax-il ġurnata:

Iżda —

(1) kull trasferiment ta' stallazzjoni minn fond *self contained* għal ieħor għandu jitqies għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti bħala stallazzjoni ġdida;

(2) meta applikant għal servizz tat-telefon jew abbonat jixtieq li jiġi provdut b'servizz speċjali jew b'xi strument tat-telefon, apparat jew tagħmir li jiswa l-flus, jew b'xi stallazzjoni oħra li tinvolvi spiża akbar minn stallazzjoni normali, iċ-*Chairman* ikollu d-dritt jippreskrivi dak il-perijodu inizjali itwal kif jidħirlu xieraq, wara li jittieħed kont tal-materjal meħtieġ u tal-kost ta' l-istrument, l-apparat jew tagħmir u tat-talba normali għalihom minn applikantii jew abbonati oħra;

(3) iċ-*Chairman* jista' jikkonsidra applikazzjoni għall-għoti ta' servizz tat-telefon għal perijodu temporanju li jkun perijodu iqsar minn sitt xhur, f'liema każ il-ftehim relattiv ma għandux jestendi iktar miż-żmien massimu ta' sitt xhur.".

Jemenda r-regolament 35 tar-regolamenti prinċipali.

5. Minflok il-paragrafu (2) tar-regolament 35 tar-regolamenti prinċipali għandu jiddaħħal dan li ġej:

"(2) Abbonat jista' jiġi permess li jipprovdi u jinstalla kaxxa tal-flus b'responsabbiltà u bi spejjeż tiegħu nnifsu fuq linja ta' l-*exchange* jew fuq estensjoni skond il-kondizzjonijiet

speċifikati fis-subparagrafi (a), (b) u (ċ) tal-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament, u skond dawn il-kondizzjonijiet addizzjonali li ġejjin:

(a) it-tagħmir tal-kaxxa tal-flus irid ikun qabel ġie eżaminat u approvat miċ-*Chairman* li jista' jiġi kumnikat mas-sistema tat-telefon pubbliku skond kull kondizzjoni ġenerali u speċifika dwar l-installazzjoni ta' tagħmir privat stabbilita b'dawn ir-regolamenti u/jew iktar minn ħekk stabbiliti miċ-*Chairman*;

(b) l-abbonat jista', b'responsabbiltà tiegħu nnifsu, jeħtieġ minn persuni li jużaw l-apparat tiegħu li jqiegħdu fil-kaxxa tal-flus ammont li jkun daqs jew iktar mit-tariffa normali li tintalab miċ-*Chairman* skond dawn ir-regolamenti u skond ir-Regolamenti ta' l-1957 dwar is-Servizz tat-Telefon ma' Barra minn Malta; G.N. 42 ta' l-1957.

(ċ) l-abbonat għandu jiżgura li t-tagħmir tal-kaxxa tal-flus ikun jippermetti li jsir dħul għal kull servizz speċjali bla ħlas li ċ-*Chairman* jista' joffri (bl-eċċezzjoni ta' dħul għas-servizz ta' *operator* biex wieħed jaqbad ma' barra minn Malta (194) li jista' jiġi imblukkat jekk l-abbonat jagħżel li jagħmel hekk) u għal kull faċilità disponibbli ta' servizz ta' *freephone*, b'ebda ħlas għall-persuni li jkunu qegħdin jużaw l-apparat għal dak l-għan;

(d) l-abbonat għandu f'kull ħin juri f'post prominenti u mwaħħal mal-kaxxa tal-flus avviż li jkun jispeċifika:—

(i) li r-rata uffiċjali li l-Korporazzjoni Telemalta tistabbilixxi għal kull telefonata hi ta' ħames ċenteżmi għal kull *pulse*, inkluża t-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, li l-frekwenza tal-*pulses* tista' tvarja skond id-destinazzjoni tat-telefonata u l-ħin tal-ġurnata li matulu ssir dik it-telefonata, u li għal kull tagħrif ieħor min ikun qed juża dak l-apparat jista' jċempel 190 u jirreferi għas-servizz ta' *enquiry* ma' l-*operator* provdut mill-Korporazzjoni Telemalta; u

(ii) l-isem u l-indirizz ta' sid il-kaxxa tal-flus u l-isem u l-indirizz ta' l-importatur.".

(e) wara li jkunu nkisbu l-permessi kollha meħtieġa mingħand l-awtoritajiet kompetenti skond kif jista' jkun meħtieġ, it-tagħmir tal-kaxxa tal-flus jista' jintrama fi kjosk

privat, liema kjosk għandu f'kull każ ikun ta' għamla li tkun b'mod ċar differenti mill-għamla tal-kjoskijiet tat-Telemalta, sabiex dan ikun jista' jintgħaraf faċilment minn dawk il-kjoskijiet; u

(f) kemm-il darba ma jiġix ordnat mod ieħor miċ-*Chairman*, il-kjosk privat li fih jintrama t-tagħmir tal-kaxxa tal-flus jista' jiġi installat qrib kjosk tat-Telemalta fejn ikun intrama telefon pubbliku mgħammar b'kaxxa tal-flus jew tagħmir tal-*cardphone* li jkunu intagħmlu disponibbli mill-Korporazzjoni Telemalta.

(3) Ebda ħaġa li tinsab fil-paragrafu (2) ta' dan ir-regolament ma għandha tinftihem bħala li tagħti xi permess lil xi persuna sabiex tipprovdi u tinstalla xi kaxxa tal-flus, skond il-kondizzjonijiet hemm imsemmija, jekk mhux fuq linja tal-*exchange* jew fuq estensjoni provduta miċ-*Chairman*, Korporazzjoni Telemalta.".

Iżid ir-regolament 35A ġdid mar-regolamenti prinċipali.

6. Minnufih wara r-regolament 35 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan ir-regolament ġdid li ġej:

"*Fax*/telefon bil-*credit card* fuq linja jew estensjoni tat-telefon.

35A. (1) Abbonat jista' jiġi permess li jipprovdi u jinstalla tagħmir ta' *fax*/telefon bil-*credit card* b'responsabbiltà u bi spejjeż tiegħu nnifsu fuq linja ta' l-*exchange* jew fuq estensjoni skond il-kondizzjonijiet speċifikati fis-subparagrafi (a) u (b) tal-paragrafu (1) tar-regolament 35, u skond dawn il-kondizzjonijiet addizzjonali li ġejjin:

(a) it-tagħmir ta' *fax*/telefon bil-*credit card* irid ikun qabel ġie eżaminat u approvat miċ-*Chairman* li jista' jiġi kumnikat mas-sistema tat-telefon pubbliku skond kull kundizzjoni ġenerali u speċifika dwar l-installazzjoni ta' tagħmir privat stabbilita f'dawn ir-regolamenti u/jew iktar minn hekk stabbiliti miċ-*Chairman*;

(b) l-abbonat jista', b'responsabbiltà tiegħu innifsu, jitlob ħlas minghand persuni li jkunu qegħdin jużaw l-istallazzjoni tiegħu, ammont li jkun daqs jew iktar mit-tariffa normali li tintalab miċ-*Chairman* skond dawn ir-regolamenti u skond ir-Regolamenti ta' l-1957 dwar is-Servizz tat-Telefon ma' Barra minn Malta;

G.N. 42 ta' l-1957.

(ċ) l-abbonat għandu jaċċerta li t-tagħmir tal-*fax*/telefon bil-*credit card* ikun jippermetti li jsir dħul għal kull servizz speċjali bla ħlas li ċ-*Chairman* jista' joffri (bl-eċċezzjoni ta' dħul għas-servizz ta' *operator* biex wieħed jaqbad ma' barra minn Malta (194), li jista' jiġi imblukkat jekk l-abbonat jagħżel li jagħmel hekk) u għall-faċilitajiet kollha disponibbli ta' servizz tal-*freephone*, b'ebda ħlas għall-persuni li jkunu qegħdin jużaw l-installazzjoni għal dak l-għan;

(d) l-abbonat għandu f'kull ħin iżomm għall-wiri f'post prominenti u mwaħħal mat-tagħmir tal-*fax*/telefon bil-*credit card* avviż li jkun jispeċifika:—

(i) li r-rata uffiċjali mitluba mill-Korporazzjoni Telemalta dwar kull telefonata hija ta' ħames ċenteżmi għal kull *pulse*, inkluża t-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, li l-frekwenza tal-*pulses* tista' tvarja skond id-destinazzjoni tat-telefonata u l-ħin tal-ġurnata li matulu tkun qed issir dik it-telefonata, u li għal aktar tagħrif min ikun qed juża dik l-istallazzjoni jista' jċempel 190 u jirreferi għas-servizz ta' *enquiry* ma' l-*operator* li jiġi provdut mill-Korporazzjoni Telemalta; u

(ii) l-isem u l-indirizz tas-sid tat-tagħmir tal-*fax*/telefon bil-*credit card* u l-isem u l-indirizz tal-importatur;

(e) wara li jkunu nkisbu l-permessi kollha meħtieġa minghand l-awtoritajiet kompetenti kif jista' jkun meħtieġ, it-tagħmir tal-*fax*/telefon bil-*credit card* jista' jintrama ġewwa kjosk privat, liema kjosk għandu f'kull każ ikun ta' għamla li tkun b'mod ċar differenti minn dik tal-kjoskijiet tat-Telemalta, sabiex dan ikun jista' jintgħaraf faċilment minnhom; u

(f) kemm-il darba ċ-*Chairman* ma jordnax mod ieħor, il-kjosk privat li fih jintrama t-tagħmir ta' *fax*/telefon bil-*credit card* jista' jiġi installat fil-viċin ta' kjosk tat-Telemalta li fih ikun intrama telefon pubbliku mgħammar b'kaxxa tal-flus jew tagħmir tal-*cardphone* li jkunu intgħamlu disponibbli mill-Korporazzjoni Telemalta.

(2) Ebda ħaġa li tinsab fil-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament ma għandha tinftihem bħala li tagħti xi permess lil xi persuna sabiex tipprovdi u tinstalla xi tagħmir tal-*fax*/telefon bil-*credit card* skond il-kondizzjonijiet hemm imsemmija, jekk mhux fuq linja ta' l-*exchange* jew fuq estensjoni provduta miċ-*Chairman*, Korporazzjoni Telemalta.".

Jissostitwixxi r-regolament 37 tar-regolamenti prinċipali.

7. Minflok ir-regolament 37 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Kera.

37. L-abbonat għandu jħallas kera dwar kull stallazzjoni, u dwar kull parti minnha li tiġi provduta u mantenuta miċ-*Chairman*, bir-rata speċifikata fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti u/jew f'kull Skeda oħra li tinsab ma' dawn ir-regolamenti li tkun tistabbilixxi l-ħlasijiet dovuti għal ċerti servizzi u faċilitajiet speċifiċi:

Iżda meta l-istallazzjoni tinkludi xi strument, apparat jew tagħmir jew xi parti oħra li normalment ma tiġix provduta miċ-*Chairman* u li ma jkunx hemm kera stabbilit għaliha fit-Tieni Skeda jew f'xi Skeda oħra li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, iċ-*Chairman* ikollu d-dritt li jistabbilixxi dik il-kera li jidhirlu xierqa f'kull każ.".

Jemenda r-regolament 39 tar-regolamenti prinċipali.

8. Minnufih wara l-paragrafu (3) tar-regolament 39 tar-regolamenti prinċipali għandhom jiżdiedu dawn il-paragrafi li ġejjin:

"(4) Meta, minħabba fi bdil fiċ-ċirkostanzi, linja ta' l-*exchange* li għaliha tkun qed titħallas il-kera b'rata dwar residenza tkun tehtieġ li għaliha titħallas il-kera b'rata dwar negozju, jew viċi versa, skond id-dispożizzjonijiet ta' qabel, l-abbonat għandu minnufih javża b'dan liċ-*Chairman* u jagħmel l-arranġamenti meħtieġa kif jista' jkun mitlub.

(5) Meta l-istallazzjoni tiġi maqtugħa għaliex l-abbonat ikun naqas milli jħares id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (4) ta' dan ir-regolament, ma għandhiex terġa' ssir kumnikazzjoni mill-ġdid qabel ma l-abbonat jagħmel l-arranġamenti meħtieġa skond kif jaċċetta li jsiru ċ-*Chairman* u, iktar minn hekk, iħallas dak id-dritt dovut għall-kumnikazzjoni mill-ġdid skond ma hemm stabbilit fit-Taqsima III tas-Sitt Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.".

Jissostitwixxi r-regolament 45 tar-regolamenti prinċipali.

9. Minflok ir-regolament 45 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Hlasijiet għal kumnikazzjoni u ħlasijiet oħra.

45. Għandhom jitħallsu dwar kull stallazzjoni l-ħlasijiet tal-kumnikazzjoni u l-ħlasijiet l-oħra speċifikati fl-Ewwel u t-Tielet Skedi li jinsabu ma' dawn ir-regolamenti u/jew f'kull Skeda oħra li tinsab ma' dawn ir-regolamenti li tkun tistabbilixxi d-drittijiet għal ċerti servizzi u faċilitajiet speċifiċi, għal kull strument, apparat jew xi ħaġa oħra ta' tagħmir provduta u installata miċ-*Chairman*:

Iżda meta l-istallazzjoni teħtieġ xi strument, apparat jew tagħmir jew xi parti oħra li normalment ma tiġix provduta miċ-*Chairman* u li għalihom m'hemmx stabbiliti ħlasijiet għal kumnikazzjoni fl-Ewwel Skeda jew f'xi Skeda oħra li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, jew meta l-istallazzjoni teħtieġ xi *wiring* jew *cabling* intern jew estern ta' xorta li aktar jiswa flus jew ta' tul aktar milli użat fi stallazzjonijiet normali, iċ-*Chairman* ikollu d-dritt li jistabbilixxi dawk il-ħlasijiet oħla kif jidhirlu xierqa f'kull każ biex idaħħal lura kull spejjeż *extra* li jkun għamel."

Jemenda r-regolament 46 tar-regolamenti prinċipali.

10. Minnufih wara l-paragrafu (2) tar-regolament 46 tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied dan il-proviso li ġej:

"Iżda b'dan illi, meta installazzjoni eżistenti tkun tikkonsisti f'linja ta' l-*exchange* (linja prinċipali) u f'estensjoni/jiet interni, l-abbonat il-ġdid għandu jħallas id-dritt amministrattiv speċifikat fit-Taqsima IV tas-Sitt Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti minflok id-drittijiet għal kumnikazzjoni speċifikati fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti dwarhom.".

Jemenda r-regolament 47 tar-regolamenti prinċipali.

11. Minflok il-paragrafu (2) tar-regolament 47 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Meta l-linja ta' l-*exchange* tkun provduta b'kaxxa tal-flus, min juża dik il-linja għandu jitfa' fil-kaxxa l-munita jew il-muniti relattivi bi ħlas għal kull telefonata; meta l-linja ta' l-*exhange* tkun provduta b'*cardphone* jew b'*fax*/telefon bil-*credit card*, min juża dik il-linja għandu jqiegħed fit-tagħmir apposta il-*phonecard* jew il-*credit card*, kif meħtieġ, li tkun tidħol fih għal għanijiet ta' ħlas.".

Jemenda r-regolament 47A tar-regolamenti prinċipali.

12. Minnufih wara l-paragrafu (5) fir-regolament 47A tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(6) Il-ħlasijiet li għandhom isiru dwar l-għoti ta' servizz tat-telefon għal żmien temporanju li ma jkunx aktar minn sitt xhur għandhom ikunu dawk speċifikati fit-Tnax-il Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.".

Enumerazzjoni mill-ġdid tar-regolamenti 53 sa 57 tar-regolamenti prinċipali.

13. Ir-regolamenti 53, 54, 55, 56 u 57 tar-regolamenti prinċipali għandhom jiġu enumerati mill-ġdid rispettivament bħala r-regolamenti 52, 53, 54, 55 u 56 tagħhom. Ir-regolamenti 52A u 55A tar-regolamenti prinċipali għandhom rispettivament jidħlu wara r-regolamenti 52 u 55, kif enumerati mill-ġdid, tagħhom.

Jemenda t-Tielet Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

14. Minflok il-partita 7 tat-Tielet Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

Servizzi	*Drittijiet Addizzjonali*
	Lm c m
"7. Dritt li jitħallas għall-ħruġ ta' kont dettaljat maqsum f'partiti:	
(a) Rata dwar negozju:	
għall-ewwel għaxar paġni jew parti minnhom	0.75,0
għal kull paġna addizzjonali wara l-ewwel għaxar paġni	0.05,0
(b) Rata dwar residenza:	
għall-ewwel għaxar paġni jew parti minnhom	0.43,0
għal kull paġna addizzjonali wara l-ewwel għaxar paġni	0.04,0".

Jemenda r-Raba' Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

15. Minflok il-kliem "jew minn linja tat-telefon ta' abbonat mgħammra b'kaxxa tal-flus provduta u installata" fil-partita 2 tar-Raba' Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandhom jidħlu l-kliem "jew min linja tat-telefon ta' abbonat mgħammra b'kaxxa tal-flus jew tagħmir tal-*fax*/telefon bil-*credit card* provduti u installati".

Jemenda s-Sitt Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

16. Is-Sitt Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) minflok it-Taqsima III tagħha għandu jidħol dan li ġej:

"TAQSIMA III *Drittijiet għal Kumnikazzjoni mill-ġdid*	
	Lm c m
1. Dritt għal kumnikazzjoni mill-ġdid wara qtugħ ta' servizz minħabba nuqqas ta' ħlas	10.00,0
2. Dritt għal kumnikazzjoni mill-ġdid wara qtugħ ta' servizz minħabba f'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti stabbiliti minbarra hekk kif hemm imsemmi fil-partita 1 ta' qabel.....	5.00,0"; u

(b) minnufih wara t-Taqsima III tagħha għandu jiżdied dan li ġej:

"TAQSIMA IV

Drittijiet amministrattivi

	Lm c m
Għaż-żamma ta' installazzjoni eżistenti li tikkonsisti f'linja prinċipali u estensjoni/jiet interni	5.00.0".

17. Minnufih wara l-Hdax-il Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiżdied din l-iskeda ġdida li ġejja: Iżid it-Tnax-il Skeda mar-regolamenti prinċipali.

"IT-TNAX-IL SKEDA

Drittijiet għall-għoti temporanju ta' servizz tat-telefon

	Lm c m
1. Drittijiet għal kumnikazzjoni	
Għal kull linja ta' l-*exchange* temporanja	Ebda ħlas
2. Drittijiet għall-Kera (rati li japplikaw għal kull ġimgħa jew parti minnha)	
Għal kull linja ta' l-*exchange* temporanja	20.00,0
Iżda l-inqas kera li tintalab għandha f'kull każ tkun dik relattiva għall-għoti temporanju ta' servizz tat-telefon għal żmien ta' mill-inqas ġimgħa.	
3. Drittijiet għal Telefonati	
Id-drittijiet għal telefonati għandhom ikunu skond it-tariffi stabbiliti.".	